**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**
***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IL-HAMIS 6 TA' GUNJU, 2002

**Numru: 26**

**Avviz Nru: 866/02AE**

**Julian Borg u martu Doris Borg**

**Vs**

**Lorraine Mary Perici**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' tlett mija u hamsin lira Maltija (Lm350) hlas ta' arretrati ta' cens tal-fond Flat 4, Brothers Flats, Birkirkara Road, San Gwann ghall-perjodu ndikat fl-avviz tat-talba.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas dehret ghas-seduti.

Semgha lill-attur jikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba kif ukoll li  l-ammont mitlub ghadu kollu dovut.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-atturi tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta' tlett mija u hamsin lira Maltija (Lm350), bl-imghax  mid-data tan-notifika ta' l-avviz tat-talba.

L-ispejjez kollha (inkluzi d-drittijiet legali) huma ghak-karigu tal-konvenuta.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**